QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 13 T’ LULJU 2001

Avviz Nru 231/99DM

Peter Sammut Briffa, Louise Camilleri personalment kif wkoll ghan-nom ta l-assenti Bernardette Sammut Briffa u Emily Tufigno u ghal kull interess illi jista’ jkollhom James Camilleri u Austin Tufigno

vs

Maria Dolores Zammit u Mario Zammit

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Qorti jizgumbraw mill-ghalqa maghrufa bhala “Ta’ Rieghi”, limiti ta’ Hal Luqa, fi sqaq minghajr isem li taghti ghal Triq Garnaw, Santa Lucija, liema ghalqa il-konvenuti qeghdin jokkupaw minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata tas-26 Ottubru 1998 kontra l-konvenuti li qed jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju ma’ jeccedix is-somma ta’ Lm500.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew:

1 Illi l-eccipjenti ghandhom titolu validu ta' kera fuq l-ghalqa de quo u dan ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet;

2 Illi gialadarba din il-Qorti tiddetermina li jezisti titolu bhal dan allura l-istess Qorti ma tibqax aktar kompetenti biex tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza;

3 Salvi eccezzjonijiet ohra .

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-konvenuti dwar it-titolu ta kera minnhom pretiz, li ma gewx ikkontestati mill-atturi, jirrizulta illi effettivament ir-raba in kwistjoni kien mikri lil Anglu Bonnici li kien hu l-konvenuta Maria Dolores Zammit u kien jabita maghha ghal zmien twil (iktar minn seba snin v. deposizzjoni ta Mario Zammit) sakemm miet fl-1 ta Frar 1997.

Jirrizulta ukoll illi l-konvenuta kienet tahdem l-istess raba flimkien ma huha l-gabillott u hija wahda mill-werrieta tieghu.

Il-Kap. 199 jiddefinixxi "il-kerrej" ta raba hekk:

> "kerrej" tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal- kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il- mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament ghal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma ghandha titqies f'dik ir-relazzjoni bhala li jkollha l-istess tifsir bhal kerrej fl-estensjoni shiha tieghu;

Ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta tikkwalifika bhala "kerrej" tar-raba in kwistjoni in forza ta lokazzjoni fil-gurisdizzjoni tal-Bord Ghall-Kontroll tal-Kiri ta Raba u ghalhekk tiddikjara li din il-Qorti mhiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici u tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ28